MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2008

Numru 273/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond J Borg)**

**versus**

**Maria Bartolo u**
**Connie Aquilina.**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra

**Maria Bartolo** ta’ 27 sena bint Carmelo u Consiglia nee Mifsud imwielda l-Imtarfa fis-26 t’Ottubru 1977 u toqgħod ‘Bluefish’ il-Marfa l/o Mellieħa jew 34/36 Triq is-Salib Siġġiewi ID 509077 (M)

U

**Connie Aquilina** ta' 59 sena bint Joseph Mifusd u Josephine nee Abela imwielda Għaxaq fis-7 ta' Novembru 1945 u togħod 34/36 Redentur Triq is-Salib Siġġiewi ID 938545 (M).

Akkużati talli fit-8 ta' Ottubru 2005 għal ħabta ta' xi d-21.00 ġewwa s-Siġġiewi:

1. Ikkaġunaw ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Maria u Nazzareno Bartolo skond kif iċċertifika Dr. Adrian Spiteri MD ta' St Luke's Hospital; minħabba li lill-Qorti, kif kienet diversament preseduta mill-Maġistrat Antonio Mizzi fil-21 ta' Marzu 2006 inbidlet minħabba li irriżultalha li l-allegata vittma Maria Victoria Bartolo sofriet sfreġju, allura dik li kienet ofiża ta' natura ħafifa saret offiża ta' natura **gravi;**

2. ħebbew għal Maria u Nazzareno Bartolo sabex jinġurjawhom, iddejjquhom jew jagħmlulhom ħsara;

3. Heddew lil Nazzreno u Maria Bartolo bi flixkun u waddbu dan l-oġġett;

4. Inġurjaw lil Nazzareno u Maria Bartolo;

5. Bil-lejl kisru l-misrieħ tan-nies b'għajjat jew b'mod ieħor;

6. Volontarjament kisru il-buon ordni u l-paċi pubblika b'għajjat u ġlied;

Il-Qorti intalbet sabiex f'każ ta' ħtija tapplika l-provvediment ta' l-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż l-ewwel nett id-digriet mogħti minn Dr Antonio Mizzi bħala Maġistrat nhar il-21 ta' Marzu 2006 fejn minħabba li l-Qorti kienet rravviżat li Maria Victoria Bartolo sofriet sfreġju, il-Qorti ddikjarat ruħha inkompetenti u ordnat li l-kawża tintbgħat lir-Reġistratur tal-Qorti biex tkun assenjata skond il-liġi; il-

kunsens ta’ l-Avukat Ġenerali sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji (fol 5); iż-żewġ ċertifikati tat-twelid, kemm dak ta’ Maria Bartolo li jġib in-numru 5090 tas-sena 1977 kif wkoll dak ta’ Connie Aquilina li jġib in-numru 9385 tas-sena 1945; il-kunsens taż-żewġ imputati sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji kif wkoll ir-risposta tagħhom li ma kienux hatjin ta’ l-imputazzjoni migjuba quddiemhom; album zgħir tar-ritratti meħud minn ċertu Nicolette Bartolo li hu mmarkat Dok NB, il-*current incident report* a fol 269 li jġib id-data 10 ta’ Jannar 2007, it-talba da parti ta’ Maria Victoria Bartolo u ta’ zewġha sabiex ikunu ammessi bħala parti ċivili f’din il-kawza (fol 66); il-żatra ta’ Dr Lawrence Scerri sabiex jezamina lill-kwerelanti Maria Victoria Bartolo a fol 69; iċ-ċertifikat ta’ Dr Boffa a fol 74 u ċ-ċertifikati l-oħra li jidhru a fol 80 u 81 tal-proċess kif wkoll iċ-ċertifikat ppreżentat minn Dr Lawrence Scerri. Fl-aħħar nett fil-verbal tat-3 ta’ April 2008 a fol 87, il-parte civile kkonfermat il-verbal li kien sar fil-kawża fl-ismijiet inversi quddiem Magistrat differenti fis-sens illi l-parti lesa kienet qed tirrinunzja għal dak li hu rinunzjabbli u sal-grad li hu rinunzjabbli u dan għal dak li jirrigwarda l-imputazzjoni kriminali mingħajr ebda pregudizzju għad-drittijiet civili naxxenti.

Semgħet ix-xhieda bil-gurament.

Semgħet it-trattazzjoni u rat illi dan il-process thalla għas-sentenza.

Ikkonsidrat

Illi l-Ispettur Jesmond J Borg kien ppreżenta kwerela maħruga għan-nom ta’ Maria Victoria Bartolo (fol 22) bil-kopja tidher a fol 24.

PS 585 Joseph Bayliss li kien stazzjonat id-Dog Section kien qal illi kien sar rapport magħmul minn Maria Victoria Bartolo fit-8 ta’ Ottubru 2005. Din kienet Għar Lapsi qed tiekol fil-hanut magħruf bhala Lapsi View. Dahlet il-mara tat-tifel tagħha li jisimha Maria Bartolo u hi u dieħla qaltilha ‘Inti trid tgħidli xi haga?’ Maria Victoria Bartolo

rrispondieha fin-negattiv u sfat attakkata minn Maria Bartolo kif wkoll minn ommha Connie Aquilina.

Pero huwa kien kellem kemm lil Maria Bartolo kif wkoll lil ommha Connie Aquilina u dawn qalu kollox bil-maqlub. Anzi huma qalu li kienet Maria Victoria Bartolo li ħebbet għalihom u tefgħetilhom flixkun. Huwa ma kienx ra l-inċident.

Wara li ngħatat il-warning li kien hemm proċeduri pendenti kontra tagħha, Maria Victoria Bartolo li twieldet fis-sena 1956 qalet x'gara fid-9.00pm fit-8 ta' Ottubru 2005 ġewwa s-Siggiewi. Hija qalet li raw il-mara tat-tifel tagħha li jisimha Maria Bartolo. Hija qalet illi l-imputata Connie Aquilina kif wkoll il-mara tat-tifel tagħha jiġifieri Maria Bartolo bdew jagħtu lilha (Maria Victoria Bartolo) u jgħajjruha. Connie Aquilina kienet tagħtha fuq rasha (fol 35). Ix-xhud qalet li kienu tawha bis-sieq, megħkuha ma l-art kemm Connie Aquilina kif wkoll Maria Bartolo. Kienet Maria Bartolo illi għajjritha u li din bdiet tagħtiha bis-sieq kif wkoll bl-idejn u l-marki għadhom jidhru sa llum. Maria kienet tagħtha bl-idejn u imbgħad giet ommha tagħtiha bis-sieq. Ommha hija l-imputata l-oħra Connie Aquilina. Din ix-xhud jiġifieri Maria Victoria Bartolo riedet tirranġa l-affarijiet u mhux li jkun hemm il-ġlied. Fil-kontro ezami baqgħet tinsisti illi kienet l-oħra illi tefgħet il-ħġieġ lejha. B'dan il-ħġieġ kienet laqtitha f'sidirha. Dwar il-flixkun, qalet illi kienet l-attakkanta tagħha li tefgħet il-flixkun (fol 38). Ix-xhud qalet illi jekk Maria kienet giet tagħtiha, allura hi ma setgħetx toqgħod tħares lejha. A fol 40 qalet 'It-tnejn tajna. Jiena tajtha fuq wiċċha bħal ma għamlet hi lili. Jiena griftha.' L-inċident ma damx ħafna. A fol 43 din ix-xhud qalet 'Maria ma waddbitli xejn imma Connie tefgħetli flixkun.' L-avukat difensur ġibdilha l-attenzjoni li qabel kienet qalet li Maria waddbet l-affarijiet. Hawn ix-xhud qalet 'Le il-flixkun kienet tefgħetu Connie.' U qalet li Connie tefgħet il-flixkun u Maria marret tigrifha. A fol 46 hija reġgħet rrepetiet li kienet Connie li tefgħet il-flixkun.

Xehed ukoll Nazzareno Bartolo illi qal li kienu fuq it-terrazzin jieħdu żewġ fliexken luminata sakemm issir il-pizza. Huma raw lill-mara tat-tifel li kienet qed tbandal lit-

tifla u ddecidew li jekk tigi hdejhom ihallsulha pizza. Dan xehed li Maria Bartolo bdiet tgħajjat ‘dik demel u zibel’ (fol 54). Imbgħad resqu kemm Connie Aquilina u Maria Bartolo u qabdu t-tnejn ma Maria Victoria Bartolo. Dan ix-xhud mar iferraqhom. Huwa rnexxielu jaqla’ lil Maria Bartolo minn fuq il-mara tiegħu Maria Victoria Bartolo. Connie Aquilina kienet ser taqbad tazza u twaddabha lill-mara tiegħu u imbgħad qisha beżgħet u t-tazza waddbitha mal-mejda. It-tazza inkisret. It-tazza twaddbet minn Connie Aquilina li din ħabtet mal-mejda fejn kienu bil-qegħda u ma laqtet lil hadd. Seta’ kien hemm pero xi raxx tal-hgieg illi spicca fuq il-mara tiegħu. Huwa qal illi t-tazza ma laqtithiex direttament biss forsi l-hgieg laqatha. Maria Bartolo kienet giet bil-girja għal Maria Victoria Bartolo. Dan ix-xhud baqa’ jinsisti li t-tazza tefgħeta Connie Aquilina fl-ahhar. Mistoqsi mill-avukat jekk rax lill-mara tiegħu tagħti lil Maria Bartolo ix-xhud wiegeb ‘qabdu f’xulxin’ (fol 62). Għal mistoqsija tal-Qorti, ix-xhud baqa’ jinsisti li kienet Maria Bartolo li giet għal Maria Victoria. Dwar Connie Aquilina, huwa qal li kien raha tagħti bil-hand bag fuq ras il-mara tiegħu u anke ġibditilha xagħarha. Huma kienu imqabbdin ma xulxin (fol 63).

Xehed Dr Michael Boffa li qal li hu kellu ċertifikat li jikkoncerna pazjenta Maria Bartolo, ID 622156M. Din kienet giet l-ewwel darba fis-16 ta’ Novembru 2005 minħabba problemi tal-gidla fuq wiċċha. Hi kienet qalet illi dawn kienu riżultat ta’ incident li xi ħadd girfilha wiċċha. Huwa kien taha trattament forma ta’ kremi. Imbgħad kien raha fit-18 ta’ Jannar 2006 u deher li dawn is-sinjali kienu marru xi ftit ahjar. Pero huwa hass illi xi ftit tbajja jew pigmentation u scarring, jigifieri marki permanenti x’aktarx illi ser jibqgħu hemm indefinittivament (fol 71). Il-pazjenta kienet reġgħet marret tarah fit-23 ta’ Ottubru 2007 u jidher li dawn il-marki għadhom hemm hekk. It-tabib wera in-naha tal-lemin tal-wiċċ ta’ l-allegata vittma biex juri fejn kien hemm it-tbajja. Huwa qal li kien hemm hypopigmentation jiġifieri sinjali fejn il-ġilda hija iktar bajda min-normal u dawn is-sinjali jikkorrispondu ma grif. Ix-xhud baqa’ jgħid li kienu jidhru matul il-kontro eżami.

Nicolette Bartolo kkonfermat li kienet hadet ir-ritratti hi. Hi kienet hadet dawn ir-ritratti biex jidher x'kien sarilha għax jista' jkun illi wara ma jibqgħux hemm dawk l-affarijiet. Dawk il-marki ma kienux prezenti qabel l-incident illi sehh f'Għar Lapsi.

Kienu wkoll pprezentati żewġ ċertifikati, wiehed dwar Nazzareno Bartolo li kellu abrasions over both forearms and over the right arm u l-iehor dwar Maria Bartolo illi kellha abrasions over both cheeks and over left side of the anterior aspect of the neck. Kellha wkoll small conjunctival haemorrahages on the lateral aspect of both eyes, jigifieri fuq iż-żewġ naħat ta' l-għajnejn.

Xehed ukoll Dr Lawrence Scerri illi qal li hu kien eżamina lil Maria Victoria Bartolo fis-27 ta' Novembru 2007 kif kienet talbitu l-Qorti. Huwa sabilha marki fuq wiċċha li kienu konsistenti ma grif, grif fond biżżejjed li ħallielha scar bażikament u kienu ilhom iktar minn sentejn dawn u baqgħu hemm hekk. Ix-xhud, għal mistoqsija mill-Qorti jekk baqgħux jidhru wiegeb illi iva. Kienu diagonally across both cheeks. Ix-xhud pprezenta d-dokument tiegħu ukoll u qal illi l-scars qegħdin propju fil-post li jidhru fir-ritratti originali.

F'dan l-istadju il-parte civile rrinunzjat għal dak kollu li hu rinunzjabbli u l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkonsidrat

Mix-xhieda ta' Marija Victoria Bartolo jirriżulta li (a) Connie Aquilina tefgħetilha l-ħġieġ u flixkun (fol.38, 43 u 46) (b) u tatha bis-sieq (fol.37); (ċ) tatha fuq rasha (fol.35);

Jirriżulta wkoll li Maria Bartolo girfet lill-allegata vittma

Mix-xhieda ta' Nazzareno Bartolo jirriżulta li Marija Bartolo għajret lil Marija Victoria Bartolo demel u żibel (fol.54) . Jirriżulta wkoll li l-imputata Marija Bartolo marret għal Maria Victoria u li ż-żewġ imputati qabdu t-tnejn ma' Marija Victoria Bartolo. Connie Aquilina qalet ukoll

'Iħallsek jien' u tat lil Maria Victoria Bartolo bil-handbag fuq rasha u ġebbditilha xagħarha. Min-naħa l-oħra l-imputata 'Marija Bartolo' qalet lil Marija Victoria Bartolo 'dan għadu m'hu xejn.'

Xhieda tat-tobba

Mix-xhieda ta' Dr.Lawrence Scerri, l-espert maħtur mill-Qorti, jirriżulta li Maria Victoria Bartolo kellha marki fuq wiċċha li kienu konsistenti ma' grif,

'grif fond biżżejejd li ħallielha scar bażikament li ilhom aktar minn sentejn u baqgħu diagonally across the cheeks

Skond Dr.Michael Boffa (li ra lill-allegata vittma darbtejn),

'ftit tbajja' jew pigmentation u scarring jiġifieri marki permanenti x'aktarx li ser jibqgħu hemm indefinitely.'

Dawn l-abrasions kienu jidhru malli sar l-ewwel eżami fl-Isptaar Saint Luke's minn Dr.Adrian Spiteri fejn fost ir-rimarki tiegħu huwa kiteb ' Abrasions over both cheeks'.

Skond ma xehdet Nicolette Bartolo, dawn l-abrasions ma kinux jeżistu qabel ma Marija Victoria Bartolo kienet aggredita f'Għar Lapsi

**Il-Qorti rat lill-allegata vittma f'distanza ta' bejn il-pedana tax-xhieda u l-bank u rat dawn l-abrasions fuq wiċċ Marija Victoria Bartolo b'mod ċar.**

Ikkonsidrat

Li l-partijiet ċivili rrinunzjaw għal dak kollu li hu rinunzjabbli.

Mill-provi joħroġ ċar li kienet l-imputata Marija Bartolo li għamlet l-abrasions fil-wiċċ ta' Marija Victoria Bartolo li għadhom jidhru sa llum. Ai fini ta' l-artikolu 216 tal-Kap 9, l-offiża fuq il-persuna hija gravi, fost affarijiet oħra:

(b) jekk iġġib mankament jew sfeġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn ta' l-offiż.'

Għal fini tas-subparagrafu ta' dan l-artikolu, l-isfreġju m'hemmx għalfejn ikun wieħed permanenti. Huwa għal fini ta' l-artikolu 218 li l-isfreġju jrid ikun wieħed gravi u permanenti.

Għalkemm t-tobba li xehdu – wieħed minnhom maħtur mill-Qorti- xehdu lid an l-isfreġju jista' jkun permanenti. Skond is-subinċiż (2) ta' l-artikolu 218 tal-Kap 9 'id-difett jitqies permanenti wkoll jekk x'aktarx ikun hekk.'

Lill-Qorti jirriżultalha bla ebda dubju ta' xejn li ta l-anqas l-isfreġju msemmi f'dawn il-proċeduri jaqa' taħt l-artikolu 21 li jġorr miegħu piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tliet snin.

**Fil-każ ta' offiża gravi fuq il-persuna, ma tinħtieġx il-kwerela tal-partijiet u teknikament il-partijiet ma setgħux jirrinunzjaw xejn dwar din l-imputazzjoni u li setgħu irrinunzjaw kienu għal xi kontravenzjonijiet. (Ara artikolu 339(2) tal-Kap 9).**

Għalhekk il-Qorti, wara li rat l-artikoli 216(1)(b), 339(1)(d), 339(1)(b),339(1)(e), 338(m), 338(dd) issib

(i) lill-imputata Maria Bartolo ħatja ta' l-ewwel, tat-tielet, tal-ħames u tas-sitt imputazzjoni u qed tilliberaha mit-tieni u mir-raba' imputazzjoni għaliex dawn huma renunzjabbli ai fini ta' l-Artikolu 339(2) tal-Kap 9. Dwar l-ewwel imputazzjoni, stante l-bdil fl-atmosfera bejn persuni li huma familjari, flok tikkundannaha l-Qorti qed tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tagħmel ebda reat ieħor fi żmien sentejn. Il-Qorti fissret lill-imputata l-artikolu 22 tal-Kap 446. Għall-ħtija dwar il-kontravenzjonijiet qed tikkundannaha tħallas tliet amendi ta' €35 kull waħda (total ta' €105);

(ii) lill-imputata Connie Aquilina, ħatja tat-tielet imputazzjoni fil-konfront ta' Marija Victoria Bartolo, tal-ħames u tas-sitt imputazzjoni u qed tilliberaha mill-ewwel

imputazzjoni minħabba nuqqas ta' provi fil-konfront tagħha, mit-tieni u mir-raba' imputazzjoni. Il-Qorti qed tikkundanna lil din l-imputata tħallas tliet amendi ta' €35 kull waħda (total ta' €105).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------